




# MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Opportunitajiet Indaqs**

Kull student hu obbligat bil-liġi li jattendi l-iskola sa minn età bikrija. Kull student hu obbligat bil-liġi li jibqa' jattendi sal-età ta' 16-il sena. L-istudenti huma obbligati jsegwu kurrikulu preskritt tul dawn l-għaxar snin. Kurrikulu maħsub biex jagħti l-istess opportunità lil kulħadd.

Madankollu r-riżultati u r-riċerka juru li għalkemm l-istudenti għandhom l-istess opportunità jitgħallmu, mhux kollha jitgħallmu bl-istess mod. Minħabba f'hekk, numru kbir ta' studenti kienu qed jitilfu l-interess fil-proċess edukattiv, ma jibqgħux jistudjaw u saħansitra jitilqu l-iskola kmieni.



L-istatistika turi li 70% biss tal-istudenti kienu qed ikomplu jistudjaw fil-livell post sekondarju waqt li l-oħrajn kienu qed jieqfu u jfittxu impjieg.

Kien għalhekk li minn din is-sena ġiet introdotta s-sistema 'My Journey', sistema li toffri rotot differenti għal studenti li jitgħallmu b'metodi differenti bl-iskop li kull student jieħu pjaċir jitgħallem u li l-istudenti jkomplu jistudjaw wara li jagħlqu s-sittax-il sena. Din is-sistema taħseb mhux biss għat-tfal akkademiċi iżda wkoll għal dawk li jitgħallmu iżjed b'mod applikat.

Minn din is-sena, l-iskola tagħna qed toffri 12-il suġġett vokazzjonali u 12 applikat. Kien hemm rispons qawwi għal dawn is-suġġetti hekk kif 72% tal-istudenti fit-tielet sena għażlu suġġetti vokazzjonali jew applikati.

Interessanti kif il-perċentwali ta' dawk l-istudenti li s-soltu kienu jsibu diffikultà fl-għażla tagħhom u li issa għandhom suġġetti prattiċi minn fejn jagħżlu, jaqbel

*Ikompli fuq paġna 2…*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 2598 4400, 2598 4414
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com

*...ikompli minn paġna 1*

ħafna mat-30% fuq livell nazzjonali ta' studenti li s-soltu kienu jisfaw barra mis-sistema edukattiva.

Jidher għalhekk li din is-sistema ġdida qiegħda tilħaq il-miri tagħha. Minn qalbi nawgura lil kull student f'dawn ir-rotot ġodda iżjed kuntentizza, sodisfazzjoni u suċċess.

*Is-Sur M. Bondin*

Kap tal-Iskola



# ATTIVITAJIET B'RISQ DAR BJORN

Ta' kull sena, l-iskola tagħna tagħżel entità biex il-flus li jinġabru mill-attivitajiet li jsiru, imorru bħala għajnuna għaliha. Is-sena li għaddiet, għat-tieni darba, erġajna għazilna lil Dar Bjorn. Ir-raġuni li rġajna għamilna dan, kienet li fi Bjorn naraw persuna eżemplari, li għalkemm għaddej mit-tbatija xorta jibqa' jaħdem biex jgħin lil ħaddieħor u jipprovdi l-għajnuna lil persuni oħra fil-bżonn. B'hekk, aħna wkoll ridna li bħala skola nagħtu sehemna.

Fil-15 t'Ottubru 2019, ilqajna lil Bjorn Formosa fl-iskola tagħna biex il-Kunsill tal-Istudenti jippreżenta s-somma fenomenali ta' €13,000. Is-sodisfazzjon kien jidher f'wiċċ l-istudenti tagħna li bis-saħħa tagħhom inġabret din is-somma. Dan iseħħ biss għax fl-iskola tagħna nsibu għalliema determinati li lesti joffru ħinhom biex flimkien mal-istudenti jorganizzaw attivitajiet differenti, biex filwaqt li nieħdu gost flimkien, inkunu qed ngħinu lil ħaddiehor.







Matul is-sena saru diversi attivitajiet u inizjattivi fosthom, Animal Awareness Day, Christmas Market, Christmas Jumper Day, il-Pantomima Is-Sirenetta, bejgħ ta' kwareżimal u kejkiet, id-dramm L-Eżodu, Pi Day, Casual Day, Fun Run, il-flokkijiet tal-istudenti tal-5 sena u Festa Komunità.

DAR BJORN
HOME FOR ALS, MS & NEURO PATIENTS



Aħna bħala Tim tal-Attivitajiet, ninsabu kburin u sodisfatti li għal darb'oħra, bl-attivitajiet li norganizzaw. Irnexxielna niġbru somma sabiħa li żgur nafu li sejra għal nies li verament għandhom bżonn. Nixtiequ nirringrazzjaw lill-kollegi tagħna u lill-istudenti tal-koperazzjoni tagħhom f'dawn l-attivitajiet.

*It-Tim tal-Attivitajiet*

# JUM DUN KARM



It-Tnejn, 21 ta' Ottubru 2019, xi studenti tat-tielet sena marru l-Imdina fejn ħadu sehem f'attivitajiet differenti li ġew organizzati biex ifakkru l-poeta nazzjonali. Dawn l-attivitajiet kellhom rabta diretta mas-sillabu tad-9 sena fis-Sekondarja. Fl-ewwel sessjoni l-istudenti marru dawra mal-Imdina waqt li raw xi monologi interattivi bħal pereżempju ltaqgħu mal-karattri ta' omm Dun Karm, missier Dun Karm u anki Dun Karm innifsu. Dawn kellmu lill-istudenti fuq il-ħajja ta' dak iż-żmien, il-problemi li kienu jiltaqgħu magħhom u anki fuq dak li kien iferraħhom. L-istudenti komplew ma' dawn il-karattri waqt li tgħallmu informazzjoni ġdida fuq il-ħajja ta' Dun Karm u dak li kienet għaddejja minnu Malta f'dak iż-żmien.







Wara din l-attività, kien hemm it-tieni sessjoni li kienet tinvolvi attività interattiva bil-poeżija *Waħdi,* miktuba minn Dun Karm. Din l-attività ttellgħet biswit il-Katidral tal-Imdina. L-istudenti tagħna, flimkien ma' studenti minn skejjel oħra, analizzaw, iddiskutew u rriflettew fuq din il-poeżija. Apparti minn hekk, xi studenti ngħataw xi leħħiet. Kien hemm leħħiet b'xi kliem meħud mill-poeżija u kien hemm leħħiet oħra bid-definizzjoni ta' dak il-kliem. L-istudenti riedu jqabblu l-kelma mad-definizzjoni t-tajba u b'dan il-mod tgħallmu vokabularju ġdid.

Wara, l-istudenti kellhom l-opportunità unika li jżuru l-mużew tal-arkivji fejn raw materjal antik konness ma' Malta u dokumenti li fihom kliem u kitbiet antiki bil-Malti.

*Is-Sa R. Zammit*
Għalliema tal-Malti

# TEEN SCIENCE CAFÉ GIRLS FESTIVAL





Fis-6 ta' Novembru, grupp ta' tfajliet tal-Ħdax-il sena li bħalissa qed jistudjaw is-suġġetti tax-xjenza, kellhom l-opportunità li jattendu 'Teen Science Café Girls Festival' ġewwa x-Xara Lodge, ir-Rabat. Dan il-festival jifforma parti mill-programm Ewropew GENE (Global Education Network Europe) li qed jiġi implimentat ġewwa diversi pajjiżi Ewropej fosthom Malta. L-għan ta' dan il-festival hu li jinkoraġġixxi lit-tfajliet ikomplu jistudjaw suġġetti tax-xjenza f' livell terzjarju u jispirahom sabiex jagħżlu karriera relatata ma' dawk imsejħa suġġetti 'STEM' (Science, Technology, Engineering and Mathematics). Dan għaliex fi studji li saru madwar ħafna pajjiżi Ewropej, inkluż Malta, instab li ħafna iktar irġiel jaħdmu fil-qasam xjentifiku milli nisa, speċjalment



f'karrieri bħal inġinerija, l-iżvilupp ta' programmi tal-kompjuter kif ukoll bħala xjentisti ġewwa laboratorji.

F'dan il-festival l-istudenti kellhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' diversi nisa Maltin li jaħdmu f'oqsma xjentifiċi differenti, fosthom fl-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA), il-Transport Malta, l-Università ta' Malta, l-Microsoft u l-Lufthansa Technik. Dawn il-professjonisti qasmu mal-istudenti l-esperjenza tagħhom, fost l-oħrajn, x'ħajjarhom jibdew jistudjaw suġġetti tax-xjenza, id-diffikultajiet u l-isfidi li ltaqgħu magħhom, kif ukoll il-kisbiet tagħhom. Barra minn hekk, l-istudenti kellhom iċ-ċans li jinteraġixxu mill-qrib ma' dawn l-istess professjonisti billi jistaqsuhom xi kurżitajiet jew jaqsmu magħhom xi dilemmi li kellhom. Preżenti għal dan il-festival kien hemm ukoll rappreżentati mill-Università ta' Malta kif ukoll l-MCAST. Dawn kienu disponibbli għall-istudenti sabiex iwieġbu xi mistoqsijiet li seta' kellhom dwar karrieri jew korsijiet partikolari li huma joffru.

Din il-fiera żgur li kienet opportunità tajba sabiex l-istudenti jsiru iktar konxji ta' karrieri differenti li huma relatati max-xjenza. Nispera, li l-esperjenzi li semgħu mid-diversi xjentisti preżenti għenuhom jagħmlu kuraġġ sabiex anki huma jkomplu jistudjaw u jagħżlu karriera relatata ma' dan il-qasam.

*Is-Sa G. Schembri*
Għalliema tal-Kimika

# STEM THEMATIC DEBATE

On the 24th November, I participated in the first edition of the STEM Thematic Debate.

On the 10th December I received the top debater award. The debate focused on pollution and its implications on the health of communities of low socio-economic status. A student representative from 12 different schools participated in the debate.

The first round took the form of a round table debate, where each student was allocated 2 minutes to present their argument on their given statement. My argument focused on the health of



communities of lower socio-economic status, which tends to be more affected by exposure to environmental hazards than the health of the general population. All arguments had to focus on the current situation of the Maltese islands. In the second round, after hearing the other students' arguments, we were given the opportunity to counter-argue another panel member's statement. In this round we had to tackle the 3 main environmental hazards, namely air pollution, noise pollution and






extreme heat. In the third round, each student had 30 seconds to conclude their argument.

A panel of judges was present throughout the whole debate to monitor and evaluate the students' active participation.

This was a very interesting opportunity as I was able not only to further my knowledge of environmental issues, but also to express my opinions on the subject during the debate.

*Valentina Stagno Navarra*
Year 11.1

# MALTA JUNIOR SCIENCE OLYMPIAD 2019

On the 30th November, alongside my friends Pavel Dalli and Isaac Mula, I had the honour to represent my school in the 6th edition of the Malta Junior Science Olympiad. The Olympiad took place at St. Ignatius College Secondary School Handaq.

This is an annual competition whereby students compete with other students from secondary schools. This year the theme was aligned to UNESCO's International Year of the Periodic Table of Chemical Elements.

As a team we had three hours to work on Chemistry, Biology and Physics investigation tasks related to Elements. It was a challenge to concentrate and focus, and at the same time to manage the time well. However we rose to the occasion and made good use of team work since we were very well



coordinated. It was an experience which taught me not only the importance of good team spirit, but also the importance of commitment and perseverance. Above all it solidified my love for STEM subjects.



Our experience would not have been possible without the continuous guidance of our teachers and Head of Department who made sure we met for practice almost every day during the mid-morning break during the last two months.




*Karissa Bugeja*
Year 11.1

# NEWS FROM THE LIBRARY

## MEET THE AUTHOR

### Lina Brockdorff

- Lina Brockdorff's dream was to study medicine but since her family did not have the money to send her to university, she was enrolled into a teachers' training course without knowing.
- She started teaching in a primary school but stopped working when she got married and had kids and focused on writing. She later resumed teaching.
- She got her Masters degree when she was over 70 years old.
- She also had some of her works presented as radio dramas.
- Lina Brockdorff was also a presenter on a Maltese radio station.
- In the book 'Sireni u Serenati' she narrates her war experiences as a child.



## WHAT TO READ

Lina Brockdorff is a Maltese author, who writes novels and short stories. In total she wrote 170 short stories. The following are some of the books we have at our library:

- Ladarba Dar ir-Riħ
- Meta Traxxax ix-Xita
- La Jerġa Jasal Diċembru
- Intermezzi
- Meta Jħammar il-Peprin
- Dwett Għal Żewġ Vjolini
- Ħin l-Istejjer
- Luciano
- Sireni u Serenati
- Kien Kwinta l-Qamar
- Kastell għal Clara
- 'Il Barra mill-Isqaq
- Taħt is-Swar tal-Imdina
- Il-Bieb Numru 11 u Stejjer Oħra
- Minn Żmien l-Għerien: Ġabra ta' 34 Novella
- Bellus u Bizzilla: Ġabra ta' Stejjer
- Madwar il-Fuklar: Ġabra ta' 35 Novella




## CURIOSITY CORNER




Did you know …

- that if your old copy of the first edition of Harry Potter says "Joanne Rowling" instead of "J.K.Rowling" it is worth about €40,000?
- that the hardcover first edition which was first printed in 1997 is worth a fortune and of the 500 books published, 300 went to libraries?We are lucky to have one on our shelves.

**COMPETITION!**
**WIN A BOOK!**

Write down two quotes in Maltese found on the walls of the library together with your name, surname and class and put in the box found at the library.

**Closing date:**
**17th January 2020**

## QUOTE

"Knowledge is free at the library.
Just bring your own container."

HALF YEARLY EXAMINATIONS TIME TABLE

# FEBRUARY 2020 HALF YEARLY EXAMINATIONS TIME-TABLE

***ST BENEDICT COLLEGE KIRKOP SECONDARY SCHOOL*** *checked on 19th November 2019 final*

| | | *Tuesday 4th February 2020* | *Wednesday 5th February 2020* | *Thursday 6th February 2020* | *Friday 7th February 2020* | *Tuesday 11th February 2020* | *Wednesday 12th February 2020* | *Thursday 13th February 2020* | *Friday 14th February 2020* | *Monday 17th February 2020* | *Tuesday 18th February 2020* | *Wednesday 19th February 2020* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***YEAR 9*** | *1st* | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | *2nd* | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| | *3rd* | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A | N/A |
| ***YEAR 10*** | *1st* | Maths | Foreign Languages 4th year | Eng List Compr and Eng Lan | Il-Malti | Graphical Comm/ Biology | NO EXAMS | Eng Literature and Eng Track Paper 2 | Geo/Hist/ Soc Stud General | Foreign Languages 2nd year | Business Studies/ Accounts/ Chemistry | ORAL EXAMS |
| | *2nd* | ICT | Home Economics /European Studies | Social Studies Option | Geography Option | Physics | NO EXAMS | P.E Option | Religion/ Ethics | Computer Studies Option | History Option & Textiles Studies | ORAL EXAMS |
| | *3rd* | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS | NO EXAMS |
| ***YEAR 11*** | *1st* | English List Comp and Eng Language | Physics | Il-Malti Karta 2 (Il-Letterat) | Maths | Italian (+ SPA Level 2) | ORAL EXAMS | French (+SPA Level 2) | English Literature & English Tr 2 Ppr 2 | Biology/ Graphical Comm. | Spanish (+SPA Level 2) | German (+SPA Level 2) |
| | *2nd* | Geo/Hist/ Soc St General | Religion/ Ethics | Il-Malti Karta 1 (Il-Lingwa) | Home Economics | Computing | ORAL EXAMS | Chemistry /Accounts | Design and Tech | NO EXAMS | Physical Education | Geography Option |
| | *3rd* | NO EXAMS | Social Stud Option | NO EXAMS | History (Option) | European Studies | NO EXAMS | NO EXAMS | Business Studies | NO EXAMS | NO EXAMS | Textiles Studies |

**Duration of Exams: 2 hours:** Eng Lan (+15 min for List Comp) Eng Lit, Il-Malti Karta 2, Maths, Foreign Lan, Physics(Yr11), Chemistry, Graphical Comm, Accounting & Hist/SocSt/Geo Yr 10 and Yr 11 ,Biology

**1 hour 30 minutes:** P.E and Yr 10 Physics **1hour:** English Paper 2 Tr 2 and Ethics **1 hour 45 minutes:** All other written examinations.

# MID-DINJA TAT-TEKNOLOĠIJA U L-INFORMATIKA

Din is-sena hija l-ewwel sena fejn l-istudenti tad-disa' sena kellhom l-għażla fl-*options* tagħhom permezz tal-*My Journey*, li flimkien mas-suġġetti akkademiċi l-oħra, huma setgħu jieħdu rotta vokazzjonali jew dik applikata. Fil-fatt, mill-14 t'Ottubru sat-18 t'Ottubru 2019, ġiet iċċelebrata l-*European Vocational Skills Week* fejn bħala parti minn diversi inizjattivi tul din il-ġimgħa, kellna














rappreżentant mil-MCAST fil-klassi. Huwa tkellem mal-istudenti tad-disa' sena dwar diversi korsijiet u karrieri li jistgħu jkomplu jistudjaw fid-dinja tat-Teknoloġija u l-Informatika. Huwa kien mistieden ukoll biex ikompli mal-għalliema waqt il-lezzjoni fejn l-istudenti kienu qegħdin jinstallaw diversi komponenti fis-sistema tal-kompjuter.

Min-naħa l-oħra, l-istudenti tal-ħdax-il sena li qegħdin jistudjaw *VET IT*, kif ukoll *Computing*, kellhom laqgħa fl-iskola mal-Professur Matthew Montebello mill-Università ta' Malta dwar l-intelligenza artifiċjali. Huwa semma' l-iżvilupp u l-importanza tal-intelliġenza artifiċjali f'diversi oqsma fil-ħajja tagħna bħal fl-industrija, fit-trasport u l-kommunikazzjoni, kif ukoll sempliċiment fid-djar tagħna - *Smart Homes.* L-istudenti saru konxji dwar kemm l-intelliġenza artifiċjali mhux biss tagħmel il-ħajja tagħna aktar komda, però anke hi neċessarja li tkompli tiżviluppa. Din isservi ta' għajnuna għal diversi persuni bħal nies li huma neqsin mid-dawl bl-użu ta' *Siri,* kif ukoll tista' tgħin tfal li jkunu morda fl-isptarijiet bħal bl-użu tal-*Huggable Teddy Bear.* Huwa kompla jħeġġeġ lill-istudenti tagħna fl-istudji tagħhom fejn esebixxa numru ta' proġetti ta' studenti universitarji, kif ukoll stieden l-istudenti tagħna ġewwa l-Università għal aktar tagħrif.

*Id-Dipartiment tat-Teknoloġija u l-Informatika*

# IL-KOR TAL-ISKOLA

Inizzjattiva ġdida li għandna fl-iskola tagħna din is-sena hija l-kor. Kull nhar ta' Ġimgħa, waqt il-break ta' nofsinhar, jiltaqa' grupp ta' studenti biex jagħmlu provi tal-kant. Kull sessjoni li jkollhom tkun imqassma b'dan il-mod: l-ewwel isir warm-up tal-vuċi, imbagħad l-istudenti janalizzaw il-biċċa mużika li jkunu ser ikantaw. Wara jitgħallmu n-noti, ikantawhom u fl-aħħar, wara li jkunu tgħallmu n-noti sew, jippruvaw jirfinaw il-ħoss billi jużaw id-'dynamics' li jkollhom miktubin fuq l-istess biċċa mużika. Barra minn hekk, l-istudenti qegħdin ukoll jitgħallmu t-taqsim tan-noti (ir-ritmu) permezz taċ-ċapċip.





Is-sabiħ li tkanta f'kor, b'differenza għal li tkanta 'solo', huwa li trid tkun kapaċi taħdem f'tim biex flimkien ma' sħabek toħloq armonija mingħajr ma jispikkaw vuċijiet individwali. Inħeġġu lil kull min hu interessat li jingħaqad mal-kor biex javviċinana.

*Is-Sa A. Borg u s-Sa M.A. Dalli*

# THE ENGLISH DEBATE CLUB



The English Debate Club was set up three years ago. The reasoning behind it was to give the students the opportunity to practise public speaking skills in English. The main aim was for the students to become used to the idea of coming up with arguments in support of a position that they may not personally hold. The students are encouraged to feel comfortable presenting arguments and speaking in front of each other. They gradually get used to ways of politely disagreeing with others while improving their level of proficiency in English.

During the actual activity, the students discuss a myriad of topics ranging from 'Do rich and famous people have it all?' to topics related to social issues and the environment. They first practise speaking in small groups so they collaborate and voice their opinions while speaking in English. They listen to each other and practise thinking on their feet as they counterargue.

This club gives the students the opportunity to obtain the necessary skills to be future active citizens as it encourages critical thinking. So if you would like to join in, you're welcome to come to room FB105 every Monday during the midday break.



*Ms C. Sciberras*
English HoD

# KARATE CLUB

Karate is a martial art in which the practitioner uses his hands and feet to form techniques and stances. At school it is practised every Monday during the mid-day break. Although it can be hard and exhausting, it makes its practitioner stronger both physically and mentally. As long as it is practised seriously and regularly, it can be very beneficial not only in a self-defence situation but also in everyday life. It has a positive effect on self-esteem and discipline and develops its practitioners into people of integrity and strong values.



Although Karate can be very effective in stopping someone



with bad intentions, it is imperative for students to understand that the idea behind it is not to hurt others. This is a philosophy of non-violence where the practitioners learn to



protect themselves from other violent people and not to be the violent people or bully themselves. Karate is also about learning to surmount any obstacles we can come across in our daily lives. It is not solely aimed at defending ourselves but also about learning to make a commitment and face challenges.

*Mr D. Salem Rizzo*

Graphical Communication Teacher

# IL-KUNSILL TAL-ISTUDENTI



Wara li ffurmajna l-kumitat għal din is-sena, il-Kunsill tal-Istudenti qiegħed jiltaqa' darba fil-ġimgħa għal-laqħat ta' diskussjoni. Flimkien niddiskutu x'nistgħu nagħmlu biex il-ħajja tagħna l-istudenti fl-iskola tkun aktar pożittiva. Barra minn hekk, bħala kunsill ikollna sehem attiv fl-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi fl-iskola. Din is-sena diġà kellna l-attività ta' Pink October fejn ġbarna għal Marigold Foundation u għal A.A.A. Riċenti kellna wkoll il-ġimgħa ddedikata għal-lingwi fejn ħdimna b'risq il-Multiple Sclerosis.

Għamilna wkoll riċerka żgħira mal- istudenti biex niġbru xi suġġerimenti. Dan għaliex kif nidħlu lura mill-vaganzi tal-Milied se niltaqgħu mal-Kap tal-Iskola biex nippreżentaw is-suġġerimenti tal-istudenti u niddiskutu miegħu l-possibiltà li dawn jiġu attwati għall-ġid tal-iskola. Għalhekk, nistiednu lilkom l-istudenti li għandkom xi suġġerimenti oħra biex tgħadduhom lilna l-membri tal-Kunsill tal-Istudenti.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

*Il-Kunsill tal-Istudenti*








# CROSSWORD




## ACROSS

1. Christmas tree decorations (7)
3. Popular Christmas tarts filled with dried fruits and spices (5,4)
5. A Christmas dessert traditionally composed of thirteen ingredients, symbolizing Jesus and the Twelve Apostles (7)
8. Santa Claus’s helpers (5)
11. A gift given to baby Jesus which symbolises prayer (12)
13. A grumpy, green creature created by Dr Seuss (6)
17. Jesus’s birthplace. (9)
18. An animal we associate with Father Christmas (8)
20. The ancient name for *‘Christmas’* (4)
22. This is what we celebrate at Christmas (8)
23. A circular Christmas decoration often found hanging on doors (6)
24. When Jesus was born, he was placed in this (6)

## DOWN

2. The first men to visit baby Jesus (9)
3. If you stand under this, you must kiss (9)
4. A red and white Christmas treat (5, 4)
6. This creature carried Mary all the way from Nazareth (6)
7. Some houses and men are made of this at Christmas! (11)
9. Traditional Christmas plant (10)
10. He let Mary and Joseph use the stable (9)
12. A bright star led these three to baby Jesus (4,3)
13. The angel who visited Mary at home (7)
14. Leaves and berries used as decorations (5)
15. Children hang it up on Christmas Eve for Santa to fill (8)
16. Santa Claus’s mode of transportation (7)
19. Santa prefers to get into your house using this rather than your door (7)
21. A gift given to baby Jesus which symbolises suffering (5)

# RAPUNZEL - IL-PANTO MĦARBTA




*Stampar:* ***CopyServ Ltd.***
*56, Triq Manuel Magri, Il-Ħamrun.*
☎ *77 940 904*
✉ *info@copyservltd.com*

**Bord Editorjali:** Claire Camilleri u Jurgen Azzopardi

**Qari tal-Provi:** Desiree Dimech, Annabelle Fenech u Joseph Spiteri